MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

**Emanuel CARUANA, Stanley Isles, Therese Gauċi, Doris Borġ, Victor Cuschieri, Joe Lia, Anthony *sive* Twanny Galea, Joe Caruana, Carol Lawria, Paul Bonniċi, Marianne Farruġia, Joe Sant, Stephen Balzan, Brian Chircop, Josephine Vassallo, Speranza Farruġia Manġion, Margaret Galea, Maria Conċetta Scicluna, Josephine Farruġia, Maria Therese Tabone, Anna Farruġia, Francis Portelli, Michaelangelo Gatt, Ray Manġion, Martin Sultana**

**vs**

**TABIB PRINĊIPALI TAL-GVERN u Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta’ Novembru, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi kienu ġew ingaggati fis-servizz pubbliku mad-Dipartiment tas-Saħħa fil-grad ta' "Supervisory Nurse (Staff Nurse)";

Illi sussegwentement fil-11 ta' Lulju, 1991 kienet ħarget sejħa għall-applikazzjonijiet għall-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" u l-atturi kienu jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet rikjesti u kienu eliġibbli biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom;

Illi s-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" kienet tispeċifika b'mod dettaljat x'kienu d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li ġġorr il-kariga ta' "Supervisory Nurse IIA", fosthom, prinċipalment illi min jingħata dan il-grad ikun 'in charge of one or more wards in any hospital, or one or more specific departments in a general hospital … and of the nursing and ancillary staff attached thereto and shall be responsible for the appropriate teaching of the nursing staff and/or nurses in raining or has equivalent responsibilties";

Illi kjarament id-dmirijiet u r-responsabilitajiet illi kellu jġorr dan il-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" kienu għalhekk fuq livell managerjali jew kważi-managerjali, stante illi min ikollu l-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" kien se jkollu r-responsabbilita' għat-tmexxija ta' "ward" jew dipartiment wieħed jew izjed u tal-istaff ta' "nurses" u staff anċillari assenjati għal dak il-ward/s jew dipartiment/i partikolari;

Illi oltre dan, is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal dan il-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" kenet tispeċifika u telenka erbgħa u tletin (34) dmir u responsbbilita' partikolari għal dan il-grad ta' "Supervisory Nurse IIA", fosthom, "*inter alia*", ir-responsabbilita' ta' supervizjoni ġenerali, ir-responsabbilita' għall-kustodja tal- mediċina, ir-responsabbilita' li tassisti l-istaff mediku u li tirrapporta dwar il-kundizzjonijiet tal-pazjenti lill-istaff mediku , ir-responsabbilita' għat-taħrig tan-"nurses" u dmirijiet u responsabbilitajiet simili;

Illi l-atturi kienu ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom għal dan il-għan u kienu ġew mgħarrfa permezz ta' ittra data 13

t'Awissu, 1993 mibgħuta lilhom mis-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien responsabbli għas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru tal-Intern u Żvilupp Soċjali, Profs. John Rizzo Naudi, illi l-Prim Ministru kien approva l-ħatra tagħhom fil-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" u dan b'seħħ mill-20 ta' Lulju, 1993;

Illi fil-5 ta' Mejju, 193 kien ġie ffirmat il-ftehim bejn il-Gvern u l-'unions' rigwardanti l-klassifikazzjoni u 'regrading' tan-'Nursing Support Services Grades' u dan meta r-riżultati tal-kummissjoni għas-Servizz Pubbliku rigwardanti s-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-grad ta' "Supervisory Nurse IIA" kienu ilhom xhur sħaħ li ġew pubblikati, u permezz ta' dan il-ftehim firmat bejn il-Gvern u l-'unions' l-atturi kienu ġew assimilati fil-grad ta' 'Staff Nurse' fi Skala 10 tas-Servizz Ċivili b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1991;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-atturi kienu ngħataw il- ħatra fil-grad ta' "Supervisory Nurse IIA", b'seħħ mill-20 ta' Lulju, 1993;

2. Tiddikjara illi r-responsabbilitajiet u dmirijiet ta' "Supervisory Nurse IIA" huma identiċi għar-responsabbilitajiet u dmirijiet ta' Nursing Officer fuq Skala 8 tas-Servizz Ċivili u mhux ta' "Staff Nurse" fuq Skala 10 tas-Servizz Ċivili;

3. Tiddikjara konsegwentement illi l-assimilazzjoni tal-atturi fil-grad ta' "Staff Nurse" fi Skala 10 tas-Servizz Ċivili illi saret b'seħħ retroattiv mill-1 ta' Jannar, 1991 saret inkorrettement u b'lezjoni ċara u manifesta tad-drittijiet tal-atturi u kwindi hija mingħajr effett;

4. Tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ipoġġu lill-atturi f'dik il-posizzjoni illi kienu jkunu fiha, kemm għal dak li jirrigwarda grad, responsabbilitajiet, salarju, 'seniority' u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha tal-impjieg, kieku l- istess atturi ġew assimilati, kif kellu jsir, fi

Skala 8 tas-Servizz Ċivili u dan b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar, 1991;

5. Tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, huma responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' din l-assimilazzjoni inġusta, konsistenti, *inter alia*, fid-differenza fis-salarju illi kien ikun perċepibbli mill-atturi b'effett mill-1 ta' Jannar, 1991 kieku ġew assimilati, kif kellu jsir, fi Skala 8 tas-serizz ċivili;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' din l-assimilazzjoni inġusta, inkluz ukoll id-differenza fis-salarju illi kien ikun minnhom perċepibbli b'effett mill-1 ta' Jannar, 1991 sad-data tal-likwidazzjoni effettiva, u dan okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

7. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, għall-ħlas tad-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż kollha, inkluz dawk tal-protest ġudizzjarju tas-16 ta' Lulju, 2001 kontra l-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fil-25 ta’ Jannar, 2002, li biha l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern eċċepixxa:

Illi preliminarjament ir-rapprezentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa hija vestita fit-Tabib Prinċipali tal-Gvern u mhux fid-Direttur Ġenerali;

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenut ma hux legittimu kontradittur u ġie mħarrek inutilment stante li l-"Agreement" li jagħmlu referenza għalih l-atturi sar bejn il-"Union" in rapprezentanza tan-nurses u l-"Management and Personnel Office";

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni ta' l-atturi in kwantu diretta kontra deċizjoni amministrattiva li ttieħdet fl-1993 hija preskritta ai termini

ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili stante l-iskadenza ta' terminu ta' sitt xhur;

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-pretensjoni ta' l-atturi għad-danni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili stante t-trapass ta' tmien snin mid-data tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Unions;

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess ma hix il-mansjoni ta' din l -Onorabbli Qorti illi tagħti promozzjoni jew ħatra fis-servizz pubbliku jew li addirittura tordna li tingħata tali promozzjoni kif pretiz mill-atturi. Ħatriet u promozzjonijiet fis-Servizz Pubbliku huma l-mansjoni esklussiva tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq parir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Di piu' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ma humiex sindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi subordinament u mingħajr preġudizzju l-azzjoni ta' l-atturi hija nfondata stante li l-qbil bejn il-Unions u l-Gvern kien wieħed leċitu. Di piu' s-servizz mal-Gvern huwa sui genesis ai termini ta' l-Artikolu 469A (6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi waqgħet billi ma saritx fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta’ Mejju, 2002, tas-27 ta’ Settembru, 2002, u tat-23 ta’ Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. L-atturi, li lkoll huma infirmiera, qegħdin jilmentaw li assimilazzjoni ta' gradi ta' infirmiera li saret meta daħal fis-seħħ b'lura għall-1991 ftehim ta' ri-organiżżazzjoni u ri-klassifikazzjoni tal-gradi dipartimentali magħmul f'Mejju tal-1993 bejn il-Gvern u l-*Unions* li jirrappreżentawhom kisret il-jeddijiet li huma kienu jgawdu bis-saħħa ta' ħatra li kienu ngħataw fil-Grad ta' "*Supervisory Nurse IIA*" f'Awissu tal-1993, b'seħħ mill-20 ta' Lulju ta' dik l-istess sena. L-atturi jgħidu li, bl-imsemmija assimilazzjoni, huma qegħdin ibatu minn tnaqqis fil-paga li jieħdu minbarra telf minn beneficcji oħrajn;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ressqu xi eċċezzjonijiet preliminari, jiġifieri (a) li ladarba t-Tabib Ewlieni għandu r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa, id-Direttur Ġenerali tħarrek għal xejn; (b) li l-imħarrek Tabib Ewlieni lanqas ma messu ġie mħarrek għaliex il-ftehim sar bejn il-*Unions* u l-*Management and Personnel Office* (M.P.O.) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru; (ċ) li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien ta' sitt (6) xhur minn meta d-deċiżjoni amministrattiva ttieħdet; (d) li l-azzjoni attriċi waqgħet ukoll bil-preskrizzjoni tas-sentejn; u (e) li l-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tordna l-għoti ta' promozzjonijiet jew ħatriet fis-servizz pubbliku, jew li tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq il-parit tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li, fit-twettiq tal-ħidma tagħha m'hijiex sindakabbli minn Qorti;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari;

Illi l-imħarrek isostni li, ladarba l-atturi qegħdin jilmentaw minn deċiżjoni li hija egħmil amministrattiv li twettaq fl-1993, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li ż-żmien li l-liġi tagħti kien ilu ħafna li għalaq. Bi tweġiba, l-abbli difensur tal-atturi tenna li huwa minnu li l-azzjoni mibdija mill-atturi kienet waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, imma ż-żmien ta' sitt

xhur li trid il-liġi għandu jittieħed minn meta tressaq il-protest ġudizzjarju f'Lulju tal-2001, u l-awtoritajiet protestati baqgħu ma tawx widen għall-interpellazzjoni li saritilhom. Huwa jgħid li kienet dik id-deċiżjoni tal-protestati li ma jagħtux widen għat-talbiet tal-atturi li ikkostitwiet "rifjut" għall-finijiet tat-tifsira ta' "għemil amministrattiv" kif miġjuba fl-artikolu 469A(2);

Illi l-Qorti, għalkemm tilmaħ sens għoli ta' inġenjożita' f'din is-sottomissjoni tad-difensur tal-atturi, ssibha diffiċli biex tasal tqis il-verżjoni mressqa minnhom bħala siewja. Il-parametri ta' azzjoni jittieħdu mill-att taċ-Ċitazzjoni, u mhux mis-sottomissjonijiet li jsiru matul il-kawża. Issa, minn qari mqar superfiċjali tal-Att taċ-Ċitazzjoni, joħroġ ċar li l-ilment tal-atturi huwa kollu kemm hu msejjes fuq l-effetti tal-ftehim ta' ri-organiżżazzjoni ta' Mejju tal-1993, u mhux fuq in-nuqqas ta' tweġiba għall-protest ġudizzjarju tagħhom ta' Lulju tal-2001. L-aħħar ħames talbiet tagħhom ukoll huma marbutin sfiq mal-ftehim kif imfisser fis-seba' (7[a]) premessa taċ-Ċitazzjoni, u mhux mal-protest injorat;

Illi dwar din l-eċċezzjoni li l-atturi ma fetħux il-kawża fiż-żmien li tagħtihom il-liġi, għandu jingħad li din tinbena fuq l-għamla ta' azzjoni mibdija, li hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. Din in-natura tal-azzjoni tinstilet mill-kliem tal-att taċ-Ċitazzjoni nnifsu u mit-talbiet magħmula. Huwa ċar ukoll li l-azzjoni attriċi ma fihiex allegazzjonijiet li l-għamil amministrattiv ilmentat jikser il-Kostituzzjoni. L-imħarrek jgħid li l-azzjoni waqgħet għax ma nbdietx fi żmien sitt (6) xhur minn meta l-atturi saru jafu bl-għamil amministrattiv li minnu jilmentaw. Irid jingħad li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) jrid jitqies fil-kuntest ta' meta twaqqaf formalment ir-rimedju ta' stħarriġ ġudizzjarju fis-sistema proċedurali Malti, jiġifieri fl-1995, bis-saħħa tal-bidliet li daħlu fil-liġi proċedurali bl-Att XXIV tal-1995, b'effett mill-1 t'Ottubru ta' dik is-sena;

Illi dan ifisser li, meta ġie iffirmat il-ftehim li minnu l-atturi jilmentaw, ir-rimedju tal-istħarriġ ġudizzjarju għal egħmil amministrattiv ma kienx għadu daħal fis-seħħ. Iżda kif

ingħad b'awtorita', iż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) japplika wkoll għal egħmejjel amministrattivi li setgħu seħħew qabel daħal fis-seħħ l-imsemmi artikolu, u żgur m'għandux jinftiehem li persuna setgħet tressaq azzjoni ta' stħarriġ amministrattiv biss minn meta dak l-artikolu daħal fis-seħħ[1];

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[2]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi, m'hemmx dubju li miż-żewġ fatti fuq imsemmija, l-atturi kienu jafu bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħhom dwar l-iskala li fiha kien meqjusa b'effett tal-iffirmar tal-ftehim tar-ri-organiżżazzjoni sa minn tal-anqas tmien snin qabel ma fetħu l-kawża tal-lum. Ma jistax jingħad li, qabel daħal fis-seħħ l-artikolu 469A fil-Kodiċi tal-Proċedura, l-atturi ma kellhomx rimedji oħrajn disponibbli għalihom[3]. U għalhekk, ladarba huma għażlu li jressqu l-azzjoni tagħhom taħt il-parametri tal-azzjoni speċjali tal-istħarriġ ġudizzjarju, ma jistgħux jinjoraw in-normi kollha li jirregolaw azzjoni bħal dik;

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib liż-żmien li l-atturi kellhom biex jitolbu stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva dwar l-iskala xierqa tal-impieg tagħhom laħaq għalaq żmien qabel ma fetħu l-kawża, u għalhekk issib li din it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[1] Ara App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe et vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***

[2] Ara P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar (Ċitazz. Nru. 649/99RCP)*** u P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta (Ċitazz. Nru. 1562/97RCP)***

[3] Ara P.A. JF **19.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Paċe et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***

**Tilqa’ t-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi nbdiet wara ż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hija għalhekk perenta; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bl-ispejjeż kontra tagħhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------